**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 282/97

Paul Vella

vs

Chairman Public Broadcasting Services Limited u Maltacom p.l.c. li giet kjamata fir-rikors b' digriet tas-27 ta' Jannar 1999

Illum 2 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Gunju 1988, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi gie mwaqqaf milli jkompli jaghti s-servizz tieghu bhala 'Newscaster' ma' Xandir Malta minghajr raguni valida, anzi x'aktarx minhabba motivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:-

Ir-rikorrent kien gie impjegat ma' Xandir Malta f'April 1978 bhala skrivan. Imbaghad gie promoss ghall-kariga ta' Producer Journalist. Kien beda jaqra l-ahbarijiet fuq l-istazzjoni nazzjonali tax-xandir immedjatament wara, l-ewwel fuq ir-radju u mbaghad minn Mejju 1983 wkoll fuq it-televizjoni.

Ir-rikorrent baqa' jahdem ma' Xandir Malta sa Dicembru 1986, izda wara li hu rrizenja l-impjieg tieghu bhala full time kien gie mitlub mill-Kap tax-Xandir ta' dak iz-zmien biex ikompli jaghti s-servizz tieghu fil-qari tal-ahbarijiet. Hawnhekk ir-rikorrent irrileva li l-qari tal-ahbarijiet kollu kien u ghadu sa llum isir minn persuni fuq bazi part time peress illi l-qarrejja huma obbligati jaqraw l-ahbarijiet fil-granet meta ma jkunux xoghol.

Illi fl-ahhar ta' Gunju 1988 ir-rikorrent gie mwaqqaf milli jkompli jaghti s-servizz tieghu fil-qari tal-ahbarijiet mill-Kap tax-Xandir ta' dak iz-zmien is-Sur Mannie Spiteri. Dan sar wara li fix-xhur ta' qabel jigifieri immedjatament wara l-elezzjoni ta' Mejju 1987 kienu diga twaqqfu z-zewg qarrejja l-ohra li kellhom l-istess twemmin politiku bhar-rikorrent.

Illi r-rikorrent ma nghatax raguni valida ghala gie mwaqqaf milli jkompli jaghti s-servizzi tieghu lill-intimat fuq bazi part-time kif kien qed jaghmel. Fil-fatt ir-raguni li nghata r-rikorrent cioe` li l-intimat ma riedx aktar part timers jaqraw l-ahbarijiet ma kenitx valida peress illi nzammu part timers jaqraw l-ahbarijiet bl-Ingliz

u anke part-timers ohra f' kull dipartiment iehor kemm bhala qarrejja u kummentaturi kif ukoll bhala prezentaturi.

Illi b'konsegwenza ghall-ingustizzja li sofra r-rikorrent sofra telf finanzjarju konsistenti fit-telf tal-paga li kien jircievi ghax-xoghol part-time li kien jaghmel mal-PBS Limited.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent fil-perjodu fuq indikat garrab ingustizzja u dan b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien sejjer iressaq ix-xhieda murika fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal jghogbu wara li jisma' xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju lir-rikorrent billi, (1) jigi restitwit fl-impjieg tieghu part time bhala qarrej tal-ahbarijiet ma' Xandir Malta, (2) jinghata kumpens konsistenti fit-telf ta' dhul li sofra b'rizultat tat-terminazzjoni ingusta tal-impjieg part time tieghu mill-intimat.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw ir-rikorrent talab li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta'

Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Public Broadcasting Services Limited li eccepiet:

Illi preliminarjament il-fatti riferiti allegatament jirrisalu ghal Gunju 1988 f'liema zmien il-kumpanija Public Broadcasting Services Limited ma kenitx tezisti, izda kien hemm l-entita` Xandir Malta li kienet taqa' taht il-Korporazzjoni Telemalta, u ghaldaqstant il-kumpanija konvenuta ma ghandha ebda locus standi fil-gudizzju u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-permess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi jidher li kienet ittiehdet decizjoni fl-1988 li part timers ma jibqghux jaqraw il-bullettini ta' l-ahbarijiet fuq it-televizjoni u radju.

Illi inoltre l-part timers kienu meqjusa biss bhala kontributuri u bhala tali ma kellhomx kuntratt li kien jorbot b'xi zmien u l-kontribut taghhom seta' jigi terminat minghajr preavviz u minghajr dritt ghall-ebda kumpens.

Illi di piu` fil-perjodu in kwistjoni l-Bord tad-Diretturi ta' Xandir Malta kien dak tal-Korporazzjoni Telemalta ghad-decizjonijiet ta' liema certament ma ghandhiex tigi kkundannata l-Public Broadcasting Services Limited li lanqas ma kienet tezisti fiz-zmien riferit.

Bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra r-risposta tal-Maltacom p.l.c. li eccepiet:

Illi l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront tal-Maltacom p.l.c. hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit il-Maltacom p.l.c. mhijiex legittima kontradittura f'din il-procedura. Ir-rikorrent kien jahdem mad-divizjoni ta' Xandir Malta tal-Korporazzjoni Telemalta, liema divizjoni kienet amministrata u tiffunzjona separament mill-korporazzjoni u ghaddiet ghal kollox ghand il-Public Broadcasting Services. Il-Public Broadcasting Services Limited, oltre li akkwistat l-assi kollha li kienu ta' Xandir Malta, akkwistat u assumiet fuqha wkoll id-drittijiet, l-obbligi u pretensjonijiet (inkluz drittijiet litigjuzi) u ftehim kollha li kienu jikkoncernaw id-divizjoni ta' Xandir Malta.

Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti biex jiehu konjizzjoni ta’ l-ilment tar-rikorrent billi l-kompetenza dwar tkeccija ingusta mill-impjieg taqa’ fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

Illi fil-meritu il-Maltacom p.l.c. cahdet li ghamlet xi ingustizzja b’rizultat ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent fit-termini tal-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji.

Ghaldaqstant is-socjeta` kjamata fil-kawza talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent fil-konfront taghha. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-kjamata fil-kawza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**KONKLUZJONIJIET**

Illi l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq terminazzjoni tax-xoghol li kellu. Il-kjamat in kawza ssoleva l-inkompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae*** minhabba li “dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti biex jiehu konjizzjoni ta’ l-ilment tar-rikorrent billi l-

kompetenza dwar tkeccija ingusta mill-impjieg taqa' fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali".

Dan it-Tribunal gja kellu l-opportunita' li jezamina dan l-aspett fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

Bazikament l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq terminazzjoni ta' impieg. Issa terminazzjoni ta' impieg ma

tissemma f'ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (d). "Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Ta' min izid li l-artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jghid:

"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddecidi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi , u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-drittijiet tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:"

Il-lokuzzjoni wzata hija cara li t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta. Hemm kazijiet li jaqghu taht l-Qorti Civili [skond in-natura tal-kuntratt] u anke quddiem il-Kummissjoni ta' l-Impiegi taht il-Kostituzzjoni jekk ikun jahdem f'azienda Governattiva jew kwazi-governattiva.

Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f'dan il-paragrafu, terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru

tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999. L-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-"constructive dismissal" dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997, u f' "Patrick Dato Mallia vs Malta Development Corporation" deciz ukoll in parte fil-11 ta' Marzu, 1998.

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs

Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza u jiddikjara ruhu inkompetenti "ratione materiae". Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.